Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,570, 30 ta' Jannar, 1998
Taqsima B

A.L. 28 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Philosophy (Ph.D.) li minn hawn 'l quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. (1) Ir-Regolamenti 3, 4 u 5 għandhom japplikaw minn Lulju 1995 'l quddiem.

(2) Ir-Regolament 6 għandu japplika minn Mejju 1996 'l quddiem

(3) Ir-Regolament 7 għandu japplika minn Novembru 1993 'l quddiem.

Emenda għar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. Applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni għal dan il-grad għandhom jiġu sottomessi lil Kumitat maħtur kull tliet snin mis-Senat għal dan l-iskop, u li jkun magħmul mir-Rettur (jew id-delegat tiegħu) bħala *Chairman,* tliet membri eletti mis-Senat fost il-membri tiegħu, u r-Reġistratur, bħala

Segretarju. Id-Dekan tal-Fakulta' jew id-Direttur tal-Istitut konċernati jkunu kkooptjati fuq il-Kumitat."

Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu 2 tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4.2 L-applikazzjonijiet jeħtiegu l-appoġġ tal-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut li fihom ix-xogħol se jsir, u jinkludu:

(a) it-titlu propost għat-teżi;

(b) il-proposta ta' riċerka tal-kandidat;

(c) l-isem tal-membru ta' l-istaff ta' l-Universita' li aċċetta li jagħmilha ta' superviżur, u f'każijiet speċjali, l-isem tal-membru ta' l-istaff ta' xi Universita' oħra, li jkun aċċetta li jaġixxi bħala superviżur aġġunt;

(d) rakkomandazzjoni mill-Kap tad-Dipartiment jew mill-Koordinatur tad-Diviżjoni konċernati li s-suġġett tar-riċerka għandu jkun aċċettat; u

(e) il-perijodu li fih hu maħsub li t-teżi tkun sottomessa, liema perijodu m'għandux jeċċedi sitt snin."

Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafi 1, 2 u 5 tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu dawn li ġejjin:

"7.1 Mhux inqas minn tliet xhur qabel id-data tas-sottomissjoni tat-teżi, il-kandidat għandu japplika lill-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut għall-permess biex jippreżenta t-teżi u jagħti t-titlu eżatt tagħha. Qabel ma jagħti l-permess, il-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut għandu jikkonsulta lis-superviżur tal-istudent. Il-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut ma jagħtix dan il-permess qabel ma jkunu għaddew l-ekwivalenti ta' tliet snin ta' studju *full-time* mid-data ta' l-ewwel reġistrazzjoni għall-grad.

7.2 Madankollu, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut, jista' jagħti permess għas-sottomissjoni tat-teżi wara li jkunu għaddew l-ekwivalenti ta' sentejn studju *full-time* mid-data ta' l-ewwel reġistrazzjoni.

7.5 Fl-ebda każ ma tista' teżi tkun ikkunsidrata jekk tiġi sottomessa iktar tard minn sitt snin mid-data ta' l-ewwel reġistrazzjoni."

Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok is-sotto-paragrafu (b) tal-paragrafu 1 tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(b) għandhom dawk il-kwalifiki u jissodisfaw dawk il-kondizzjonijiet oħra li l-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut konċernati jistgħu jistabblixxu għal dan il-għan minn żmien għal żmien u li jkunu approvati mis-Senat bħala ordinamenti.

Sakemm il-kandidati li m'għandhomx grad ta' Master ikunu normalment mistennija jirreġistraw l-ewwel għall-grad ta' M.Phil."

Emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu 3 tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7.3 Kandidat jista', bil-kunsens tal-Kap tad-Dipartiment jew tal-Koordinatur tad-Diviżjoni konċernati u bil-permess tal-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut, japplika lill-Kumitat biex jieħu l-grad bi studju *part-time*. Meta s-Senat jilqa' applikazzjoni bħal din, il-kandidat normalment ikun jeħtieġlu jgħaddi sena waħda fi studju *full-time*. Fil-każ ta' kandidat bħal dan, il-perijodu minimu ta' erba' snin b'kollox ikun mitlub imma l-Bord tal-Fakulta' jew tal-Istitut jista' jirrakkomanda perijodu itwal li ma jeċċedix sitt snin."